**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 2 ta’ Lulju 2024**

Rikors Numru: 107/24 AL

A B

Vs

C D

(M.R. Numru 479/1992)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' April, tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u markat Dok A.
2. illi l-partijiet isseparaw minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt pubbliku in atti tan-Nutar Dottor Brenda Jane Camilleri, nhar it-tnax (12) ta' April, tas-sena elfejn u wieed u ghoxrin (2021), kopja legali tieghu qieghda tigi hawn annessa u markata Dok B.

3. Illi l-partijiet ghandhom wild komuni bl-isem ta' E li twieldet fl-1 ta' Gunju tas- sena 1993, u ghalhekk illum hija maggorenni.
4. Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u dan kif jirrizulta mill-affidavit hawn anness u markat Dok C.
5. Illi lanqas ma hemm kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet.
6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta’ Marzu 2024;

Rat illi l-intimata debitament notifikata, msejjha tlett darbiet ma dehritx għal dawn il-proċeduri u ma ppreżentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 t'April 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien għaxart ijiem minn meta s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.